

Brussell, 20 ta' Novembru 2025  
(OR. en)

15315/1/25  
REV 1

TELECOM 396  
CYBER 327  
RELEX 1461  
COPS 585

## EŻITU TAL-PROCĊEDIMENTI

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

---

Nru. dok. preċ.: 14928/25

---

Suġġett: Konklużjonijiet dwar l-Avvanz fl-Istrateġija Diġitali Internazzjonali għall-Unjoni Ewropea  
– Konklużjonijiet tal-Kunsill (20 ta' Novembru 2025)

---

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-avvanz fl-Istrateġija Diġitali Internazzjonali għall-Unjoni Ewropea kif approvati mill-Kunsill Affarijiet Barranin fil-laqgħa tiegħu li saret fl-20 ta' Novembru 2025.

## **Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Avvanz fl-Istrateġija Diġitali Internazzjonali għall-Unjoni Ewropea**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JFAKKAR

- Fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' April 2024
- Fil-Boxxla Strateġika għas-Sigurtà u d-Difiża tal-25 ta' Mejju 2022
- Fil-Boxxla għall-Kompetittività għall-UE tad-19 ta' Jannar 2025
- Fid-Dikjarazzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali għad-Deċennju Diġitali tat-23 ta' Jannar 2023
- Fid-Dikjarazzjoni mill-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha dwar Fehim Komuni tal-Aplikazzjoni tad-Dritt Internazzjonali għaċ-Ċyberspazju tat-18 ta' Novembru 2024

FILWAQT LI JIBNI FUQ

- Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2022 u tas-26 ta' Ġunju 2023 dwar id-Diplomazija Diġitali tal-UE
- Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2024 dwar il-Futur tal-Politika Diġitali tal-UE
- Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-6 ta' Ġunju 2025 dwar konnettività affidabbli u reżiljenti

### **I. Il-qasam diġitali u t-teknoloġija fil-qalba tal-azzjoni esterna tal-UE**

1. JILQA' l-Komunikazzjoni Konġunta mill-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli dwar Strateġija Diġitali Internazzjonali għall-Unjoni Ewropea. L-Istrateġija tipprovdi approċċ ambizzjuż u strateġiku għall-involvement tal-UE fi kwistjonijiet diġitali globali. Għandha l-għan li tagħti spinta lill-kompetittività teknoloġika globali tal-UE, trawwem l-innovazzjoni, issaħħa is-sigurtà u d-difiża, iżżid is-sinerġiji bejn il-politiki diġitali tal-UE u l-PESK/PSDK, tagħti kontribut għal trasformazzjoni diġitali globali sostenibbli, sigura u fdata, u ssawwar il-governanza globali tat-teknoloġija u tal-qasam diġitali f'kooperazzjoni mal-pajjiżi sħab. It-tip ta' involvement li jsir ma' pajjiżi terzi u l-għażla tal-oqsma ta' kooperazzjoni għandhom ikunu konformi mal-interessi ġeopolitiċi, ġeoekonomiċi u tas-sigurtà tal-UE u l-Istati Membri tagħha.

2. JISĦAQ FUQ is-setgħa trasformattiva tat-teknoloġiji fil-politika barranija, tas-sigurtà, tad-difiża u tas-sigurtà ekonomika tal-UE, u fid-demokrazija tagħna. Fid-dawl tal-bidliet ġeopolitiċi, il-bidla teknoloġika rapida, u kompetizzjoni dinjija dejjem akbar għall-innovazzjoni, it-talent u l-investment, huwa kruċjali li nmexxu 'l quddiem it-trasformazzjoni diġitali tal-Ewropa, nissudaw is-sovranità tagħha u nsaħħu l-ekosistema diġitali miftuħa tagħha stess. Dan jirrikjedi sħubijiet internazzjonali msaħħa u kollaborazzjoni mill-qrib ma' pajjiżi sħab fdati u organizzazzjonijiet internazzjonali dwar l-innovazzjoni u l-governanza diġitali.
3. JAFFERMA MILL-ĠDID l-impenn tiegħu għal approċċ bil-bniedem fil-qalba tiegħu, imsejjes fuq id-drittijiet tal-bniedem u b'diversi partijiet ikkonċernati għall-governanza tat-teknoloġiji diġitali, bl-għeruwq tiegħu fid-drittijiet universali tal-bniedem, fosthom l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u n-nondiskriminazzjoni, u fil-libertajiet fundamentali, il-valuri demokratiċi u l-prinċipji tal-istat tad-dritt.
4. JENFASIZZA r-rwol tat-teknoloġija fil-kuntest ġeopolitiku tal-lum u l-ħtieġa għal diplomazija diġitali ambizzjuża u orjentata lejn l-azzjoni biex isir avvanz fl-oġettivi tal-politika barranija, tas-sigurtà u tad-difiża tal-UE.
5. JIRRIKONOXXI li t-tisħiħ tal-kompetittività tal-UE, il-ħarsien tal-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-UE u tal-Istati Membri tagħha kif ukoll il-promozzjoni tas-sigurtà ekonomika jeħtieġu kooperazzjoni internazzjonali aktar profonda u mifruxa, inkluż f'teknoloġiji kritiċi u emerġenti, bħall-IA, il-konnettività avvanzata, is-semikondutturi u t-teknoloġiji kwantistiċi.

## **II. Il-bini ta' sħubijiet u alleanzi għall-Ewropa**

6. JILQA' l-oġettiv li n-network globali ta' sħubijiet tal-UE jiġi approfondit, ikollu firxa akbar u jinħolqu konnessjonijiet bis-saħħa tiegħu permezz ta' approċċ strateġiku u ta' benefiċċju reċiproku. JAPPOĠĠA l-istabbiliment ta' Network ta' Sħubija Diġitali biex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni tal-UE ma' pajjiżi sħab fdati. Fin-Network tista' tinqasam informazzjoni, issir ħidma fuq proġetti komuni, u jissejħu laqgħat regolari fl-livell politiku u tekniku.

7. JENFASIZZA l-importanza ta' involviment f'waqtu u sostantiv tal-Istati Membri fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tas-Sħubijiet u d-Djalogi Diġitali tal-UE u l-Kunsilli tal-Kummerċ u t-Teknoloġija u l-prijoritajiet tagħhom, b'rispett sħiħ għall-qafas istituzzjonali tal-UE. JISSOTTOLINJA l-valur tal-involviment mill-qrib tan-negozji tat-teknoloġija tal-UE u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, fosthom is-soċjetà ċivili u l-komunità tar-riċerka, għall-avvanz kollettiv b'rabta ma' għanijiet kondiviżi.
8. JAPPOĠĠA l-kooperazzjoni mal-pajjiżi sħab fuq soluzzjonijiet ta' infrastruttura pubblika diġitali Ewropej, bħall-Qafas Ewropew għall-Identità Diġitali u l-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà, sabiex issir ħidma biex isiru possibbli servizzi diġitali pubbliċi transfruntieri.
9. JAPPELLA biex ikompli jiġu żviluppati s-sħubijiet ta' sigurtà u difiża billi jiġu sfruttati l-kapaċitajiet teknoloġiċi b'użu doppju, u b'hekk l-industrija tat-teknoloġija tas-sigurtà u d-difiża tal-UE jkollha pożizzjoni ta' sieħeb kruċjali u katalist tal-innovazzjoni f'teknoloġiji kritiċi u emerġenti. JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli jkomplu jsaħħu s-sħubija strateġika u ta' benefiċċju reċiproku man-NATO b'rabta mal-applikazzjoni ta' teknoloġiji kritiċi u emerġenti fis-sigurtà u d-difiża, b'rispett sħiħ tal-prinċipji gwida maqbula.
10. JAPPOĠĠA l-espansjoni tal-kapitoli dwar il-kummerċ diġitali fi ftehimiet ta' kummerċ ħieles, ftehimiet ta' kummerċ diġitali awtonomi jew ftehimiet usa' u aktar profondi dwar is-Sħubijiet Diġitali u d-Djalogi Diġitali. JISĦAQ FUQ l-importanza tal-fluss liberu tad-data b'fiduċja bejn l-UE u pajjiżi sħab biex isir avvanz fl-interoperabbiltà u l-armonizzazzjoni tal-governanza u r-regolamentazzjoni tad-data f'konformità mal-istandards tal-UE.
11. JAFFERMA MILL-ĠDID l-impenn tiegħu għal trasformazzjoni diġitali globali sostenibbli u inklużiva u JISSOTTOLINJA l-importanza ta' kooperazzjoni mill-qrib mal-pajjiżi sħab u l-partijiet ikkonċernati biex tiġi promossa innovazzjoni diġitali ambjentalment responsabbli. JISĦAQ FUQ il-ħtieġa li jiġi żgurat l-allinjament tas-sħubijiet rilevanti mal-oġġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, kif ukoll il-Patt Diġitali Globali, il-Ftehim ta' Pariġi, u l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli.

12. JISSOTTOLINJA r-rwol ewlieni tat-trasformazzjoni diġitali fil-kuntest tal-Istrateġija Global Gateway u l-pakketti tal-ekonomija diġitali. JENFASIZZA l-importanza li jsir progress fuq konnettività sigura u fdata fl-inizjattivi internazzjonali tal-UE. Il-konnettività avvanzata hija essenzjali biex jingħalqu d-distakki diġitali, kemm fil-pajjiżi kif ukoll bejniethom, kif inhi wkoll il-promozzjoni tal-litteriżmu diġitali.

### **III. L-isfruttar tar-rwol u l-influwenza tal-industrija tat-teknoloġija tal-UE globalment**

13. JENFASIZZA r-rwol prominenti tal-kumpaniji tat-teknoloġija tal-UE — fosthom SMEs, kumpaniji start-up, kumpaniji scale-up u kumpaniji kbar — u l-kontribut kritiku tagħhom għas-Sħubijiet Diġitali tal-UE billi jrawmu l-kooperazzjoni bejn in-negozji u bejn in-negozji u l-gvernijiet b'enfasi fuq l-opportunitajiet ta' investiment u l-innovazzjoni teknoloġika. JIRRIKONOXXI r-rwol kruċjali tal-kumpaniji tat-teknoloġija tal-UE f'fora multilaterali u b'diversi partijiet ikkonċernati u jinkoraġġixxi l-parteciżazzjoni akbar tagħhom fil-governanza diġitali u l-istandardizzazzjoni.

14. JILQA' l-ħolqien tal-Offerta għan-Negozji tat-Teknoloġija tal-UE, inkluż appoġġ għall-aċċess tal-kumpaniji tat-teknoloġija tal-UE għas-swieq tal-pajjiżi sħab. L-Offerta għandha tappoġġa fost oħrajn l-implimentazzjoni ta' konnettività sigura u fdata, infrastruttura pubblika diġitali u IA u soluzzjonijiet ta' software. JISĦAQ li l-Offerta għandha titfassal apposta għall-ħtiġijiet tas-sħab u tiġi ġestita b'mod konġunt mill-UE u l-Istati Membri tagħha f'approċċ ta' "Tim Ewropa". Dan ser jippermetti li l-UE tippożizzjona lilha nnifisha bħala sieħeb tal-għażla għall-pajjiżi terzi filwaqt li ssaħħa l-innovazzjoni u l-iżvilupp tat-teknoloġija fl-UE. JINKORAĠĠIXXI l-promozzjoni attiva tal-Offerta għan-Negozji tat-Teknoloġija tal-UE biex jiġi żgurat li l-kumpaniji Ewropej, fosthom l-SMEs, il-kumpaniji start-up, il-kumpaniji scale-up u l-kumpaniji l-kbar, ikunu infurmati u involuti fl-istrutturar tal-Offerta u jkunu jistgħu jibbenefikaw bis-siġħ minn din l-inizjattiva.

15. JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni, lir-Rappreżentant Għoli u lill-Istati Membri jsaħħu d-dimensjoni diġitali tal-Global Gateway, ikomplu l-iżvilupp ta' ċentri diġitali f'pajjiżi sħab u jippromwovu l-Offerta għan-Negozji tat-Teknoloġija tal-UE, b'mod partikolari billi:

- Isaħħu l-ħidma fuq infrastruttura diġitali sigura u fdata, bħal ċentri tad-data u fabriki tal-IA sostenibbli, konnettività avvanzata, inkluż 5G/6G, kejbils sottomarini u konnettività satellitari.

- Ikomplu jwettqu l-approċċ ta' Tim Ewropa f'inizjattivi diġitali fi ħdan il-Global Gateway billi jiżguraw il-koordinazzjoni fost l-Istati Membri u l-UE, inkluż l-istituzzjonijiet ta' finanzjament tal-UE. JENFASIZZA l-importanza tal-kooperazzjoni fil-kwartieri ġenerali u fost id-delegazzjonijiet, il-missjonijiet u l-ambaxxati, bl-użu tal-kapaċitajiet disponibbli bħan-Network tad-Diplomazija Diġitali u ċ-Ċentru Diġitali għall-Iżvilupp.
- Jiġi sfruttat l-għarfien espert tal-ekosistema tal-innovazzjoni biex jissaħħu l-isforzi tat-trasformazzjoni diġitali.
- Jiġu mfittxija opportunitajiet għal kooperazzjoni bejn l-Offerta għan-Negozji tat-Teknoloġija tal-UE u l-inizjattivi tal-pajjiżi sħab biex jiġu sfruttati l-komplementarjetajiet u jinħolqu sinerġiji.

#### **IV. Sħubija għal trasformazzjoni diġitali sigura u fdata**

16. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li ssir aktar ħidma mill-UE biex tintensifika l-kooperazzjoni mas-sħab internazzjonali fuq infrastruttura diġitali sigura u fdata, il-ktajjen tal-provvista, iċ-ċibersigurtà, ir-reżiljenza, u l-indirizzar tat-theddid ċibernetiku. JAPPOĠĠA l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ulterjuri tas-Sett ta' Għodod taċ-Ċiberdiplomazija tal-UE f'konformità mal-linji gwida riveduti għall-implimentazzjoni<sup>1</sup>.
17. JISĦAQ FUQ l-importanza tal-bini tal-kapaċitajiet fil-pajjiżi sħab biex tiġi appoġġata t-trasformazzjoni diġitali sigura u inklużiva tagħhom. JINKORAĠĠIXXI koordinazzjoni aktar mill-qrib bejn l-iżvilupp diġitali u l-isforzi għall-bini tal-kapaċitajiet ta' ċibersigurtà, kif ukoll bejn l-Istati Membri, l-UE u s-sħab internazzjonali biex jissaħħu kemm jista' jkun il-koerenza, l-effettività u l-impatt strateġiku.
18. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li jitħares id-dritt internazzjonali, inkluż id-dritt umanitarju internazzjonali, u li jiġi promoss il-qafas tan-NU għal imġiba responsabbli mill-Istati fiċ-ċiberspazju. JAPPOĠĠA t-tkomplija tal-involvement tal-UE u l-Istati Membri fit-tiswir tal-Mekkaniżmu Globali tan-NU dwar l-iżviluppi fil-qasam tal-ICTs fil-kuntest tas-sigurtà internazzjonali u l-avvanz fl-imġiba responsabbli tal-Istati fl-użu tal-ICTs, u JINKORAĠĠIXXI t-tkomplija ta' kooperazzjoni internazzjonali, bilaterali u transreġjonali mas-sħab, inkluż il-komunità ta' diversi partijiet ikkonċernati, fi ħdan il-Mekkaniżmu Globali.

---

<sup>1</sup> Linji Gwida Riveduti għall-Implimentazzjoni tas-Sett ta' Għodod taċ-Ċiberdiplomazija 10289/23

19. JILQA' t-tkomplija tal-impenn għall-ġlieda kontra l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza minn barranin (FIMI), inkluż billi jissaħħu l-kapaċitajiet tal-pajjiżi sħab, filwaqt li jitħarsu d-demokrazija u d-drittijiet fundamentali fosthom il-libertà tal-espressjoni.

## **V. L-UE minn ta' quddiem fil-governanza diġitali globali**

20. JISĦAQ li l-UE jeħtieġ iżżomm rwol fuq quddiem tal-governanza diġitali u teknoloġika globali, inkluż il-governanza tal-internet, u tistinka biex tippromwovi governanza diġitali bil-bniedem fil-qalba tagħha, ankrata bis-sħiħ fid-drittijiet universali tal-bniedem, fosthom l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-libertajiet fundamentali u l-prinċipji demokratiċi. Dan għandu jkun imsejjes fuq approċċ inklużiv, b'diversi partijiet ikkonċernati, bl-involviment attiv tal-partijiet ikkonċernati kollha, b'mod partikolari mill-pajjiżi li qed jiżviluppaw. JENFASIZZA r-rwol ċentrali tal-UE u tal-Istati Membri tagħha fit-tiswir proattiv ta' alleanzi f'fora multilaterali u b'diversi partijiet ikkonċernati, organizzazzjonijiet reġjonali u regolaturi ewlenin oħra dwar is-servizzi diġitali u t-teknoloġiji kritiċi u emerġenti.

21. JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli jiżguraw li l-UE tmexxi l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' standards dinjin bil-bniedem fil-qalba tagħhom u msejsin fuq id-drittijiet tal-bniedem fi sħubija mal-partijiet ikkonċernati dinjin f'oqsma bħal IA sigura u affidabbli, iċ-ċipep, il-konnettività avanzata, iċ-ċibersigurtà, it-teknoloġiji kwantistiċi, u l-internet miftuħ, liberu, newtrali, globali, interoperabbli, affidabbli u sigur. Dan jinkludi l-faċilitazzjoni tal-involviment attiv f'korpi internazzjonali tal-istandardizzazzjoni.

22. JENFASIZZA l-importanza ta' parteċipazzjoni wiesgħa tal-Istati Membri tal-UE fi proċessi u fora internazzjonali ewlenin, bħall-proċess tas-Summit Dinji dwar is-Soċjetà tal-Infommazzjoni u r-rieżami +20, il-Forum ta' Governanza tal-Internet (IGF), u l-konferenzi u l-Gruppi ta' Ħidma tal-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni (UIT). JAFFERMA MILL-ĠDID l-importanza tal-qafas tad-WSIS għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 u l-Patt Diġitali Globali tan-NU (GDC), li jippromwovi koerenza u koordinazzjoni akbar fil-proċessi ta' governanza diġitali internazzjonali. L-UE hija impenjata bis-sħiħ għall-implimentazzjoni tal-GDC.

## VI. Il-passi li jmiss

23. Il-Kunsill JAPPELLA lill-Kummissjoni, lir-Rappreżentant Għoli u lill-Istati Membri biex jikkollaboraw mill-qrib fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija Diġitali Internazzjonali tal-UE u biex jaġhmlu użu mill-momentum biex isaħħu s-sigurtà, l-innovazzjoni u l-kompetittività globali tal-UE.
24. Il-Kunsill JISTIENEN lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli jivvalutaw il-progress b'mod regolari, jinfurmaw u jinvolvu ruħhom mal-Istati Membri dwar attivitajiet li għaddejjin u dawk ippjanati biex tiġi implimentata l-Istrateġija; JINKORAĠĠIXXI lill-Istati Membri jaġġornaw regolarment il-kontributi tagħhom għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija, b'mod partikolari l-attivitajiet internazzjonali tagħhom li jikkomplementawha.
25. Il-Kunsill JISTIENEN lill-Kummissjoni, lir-Rappreżentant Għoli u lill-Istati Membri jiddefinixxu u jirrealizzaw flimkien l-Offerta għan-Negozji tat-Teknoloġija tal-UE, li tinvolvi l-ekosistema teknoloġika Ewropea, il-Grupp Konsultattiv dwar in-Negozju tal-Global Gateway u ċ-Ċentru Diġitali għall-Iżvilupp. Il-Kunsill JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni tivvaluta l-ostakli li jħabbtu wiċċhom magħhom il-kumpaniji tal-UE meta jinvolvu ruħhom mal-inizjattivi diġitali tal-Global Gateway.
26. JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jeżaminaw kif jista' jissaħħaħ l-involviment tal-industrija f'fora ta' standardizzazzjoni globali bħas-settur tal-istandardizzazzjoni tat-telekomunikazzjoni tal-UIT, l-Internet Engineering Task Force (IETF), il-Proġett ta' Sħubija tat-Tielet Ġenerazzjoni (3GPP), l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (ISO), il-Kummissjoni Elettroteknika Internazzjonali (IEC), u l-Istitut Ewropew tal-Istandards tat-Telekomunikazzjoni (ETSI), fejn rilevanti, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Konferenza Ewropea tal-Amministrazzjonijiet Postali u tat-Telekomunikazzjoni (CEPT).
27. Il-Kunsill JAPPELLA lir-Rappreżentant Għoli tiżgura li t-teknoloġiji kritiċi u emerġenti jiġu indirizzati mill-perspettiva tal-PESK, il-PSDK u l-kooperazzjoni internazzjonali fuq bażi regolari fil-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) u sa Novembru 2026 fil-Kunsill Affarijiet Barranin (KAB).